MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 70/2013

**Plaza Centres plc (C564)**

**vs**

**Velocity Industires Limited (C52023)**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk;

Permezz ta’ kuntratt ta’ kera data 25 ta’ Mejju 2011, Plaza Centres plc kriet l-ufficju bin-numru 8 fir-raba’ sular tal-Plaza Shopping Centre lil Velocity Industries Limited. Kopja ta’ dan il-kuntratt qed tigi hawn annessa u mmarkata Dokument PC 1

Is-socjeta’ intimata ilha diversi drabi taqa’ lura fil-hlas tal-kera u ta’ ammonti ohra dovuti skond il-kuntratt ta’ kera bhala common area building and maintenance costs, ilma

u elettriku. Fl-1 ta' Marzu, 2013 is-socjeta' Velocity Industries Limited infurmat lis-socjeta' rikorrenti li tixtieq li tittermina l-kirja u l-partijiet qablu li l-ahhar gurnata kellha tkun il-31 ta' Mejju 2013, naturalment minghajr pregudizzju ghall-ammonti dovuti li baqghu pendenti. Dan kif tixhed anke l-ittra bonarja li ntbaghatet lil Velocity Industries Limited sabiex din tikkonsenja l-pussess tal-fond ossia ufficju mikri lilha u wkoll thallas il-pendenzi kollha dovuti. Kopja ta' din l-ittra qed tigi hawn annessa u tinsab immarkata minn PC 2.

Nonostante dan, sal-lum is-socjeta' Velocity Industries Limited ghadha qed tokkupa l-fond mikri lilha illegalment u ma hallsitx il-pendenzi minnha dovuti;

L-inadempjenza tas-socjeta' intimata fir-rigward tal-hlas tal-pendenzi dovuti lis-socjeta' rikorrenti naxxenti mill-kuntratt ta' kera jikkostitwixxu ksur tal-klawsoli 3.01, 5.04 u 7.05 tal-kuntratt ta' kera inkwistjoni;

Sad-data tal-prezentata ta' dan ir-rikors, l-ammont dovut minghand is-socjeta' intimata huwa ta' €9,450.18 u dan skond statement of account hawn anness u mmarkat Dokument PC 3.

Fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti , u skond sa fejn taf hi, Volecity Industries Limited m'ghandhiex difiza xi tressaq ghal dawn it-talbiet;

Ghaldaqstant, abbazi tas-suespost, is-socjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil dan il-Bord sabiex joghgbu:

i. Jilqa' t-talba sabiex dan ir-rikors jigi trattat bi procedura sommarja u minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii. Jiddikjara li l-kirja bejn Plaza Centres plc u Velocity Industries Limited hija mitmuma u dan b'effett mill-31 ta' Mejju, 2013;

iii. Jordna lil Velocity Industries Limited titkecca u tizgombra mill-fond inkwistjoni fi zmien qasir u perentorju;

iv. Jiddikjara li s-socjeta' intimata hija debitrici tal-Plaza Centres plc fis-somma ta' €9,450.18 rapprezentanti kera u common area and building maintenance costs, ilma u elettriku;

v. Jordna lis-socjeta' intimata thallas is-somma ta' €9,450.18 rapprezentanti kera u common area and builiding maintenance costs, ilma u elettriku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi kif ukoll bl-interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra Velocity Industries Limited li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra l-verbal tas-seduta tal-lum 28 ta' Novembru 2013;

Ra illi s-socjeta' intimata debitament notifikata baqghet ma dehritx biex tikkontesta t-talbiet ts-socjeta' rikorrenti;

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta' rikorrenti;

Ra illi l-kawza kienet posposta ghal-lum stess ghas-sentenza;

Peress illi jimmerita illi t-talbiet tar-rikorrenti ikunu milqugha bid-dispensa ta' smiegh;

L-Bord qieghed jilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgumbrament qed jipprefigi zmien ghoxrin (20) jum mil-lum.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mis-socjeta' intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------